# Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-Junior Lyceum – Mejju 2004

# STUDJI SOĊJALI

# IR-RAPPORT TA' L-EŻAMINATUR EWLIENI

## DAĦLA

Din is-sena wkoll l-eżaminaturi qagħdu attenti ħafna fuq diversi fatturi li jagħmlu karta ta' eżami bbilanċjata tajjeb. Dawn il-fatturi jistgħu jinġabru f'din il-lista:

- Saru żewġ verżjonijiet, waħda bl-ilsien Malti u oħra bl-ilsien Ingliż.
- Il-karta ta' l-eżami kienet modifikata biex tkun tista' tintuża aħjar ukoll minn tfal neqsin mis-smigħ.
- Saret verżjoni b'ittri akbar għal tfal xi ftit neqsin mid-dawl.
- Fit-tqassim tal-karta saret attenzjoni kbira biex stampi u mapep jkunu kbar biżżejjed u ċari.
- Kull test għal skop ta' referenza f'eżerċizzji ta' komprensjoni kienu stampati b'mod li t-tfal ma jkollhomx għalfejn kull darba jqallbu l-paġni biex iwieġbu.
- L-eżaminaturi ħadu ħsieb li fil-mistoqsijiet ma jkunx hemm diskriminazzjoni dwar ġendru, arja ġeografika u ħwejjeġ oħra.
- L-eżaminaturi ħadu ħsieb biex iqassmu l-marki tajjeb fuq kull settur tas-sillabu, jiġifieri l-ambjent ġeografiku, dak soċjali u dak storiku.
- L-eżaminaturi ħadu ħsieb li jqassmu l-marki fi tliet livelli differenti, jiġifieri eżerċizzji ta' livell ħafif, oħrajn ta' toqol medju u oħrajn ta' livell ftit jew wisq tqil.
- L-eżaminaturi fasslu l-karta b'mod li jassessjaw kompetenzi differenti li jinġabru taħt għerf, fehem, ħiliet u attitudnijiet.
- Saru arranġamenti speċjali għal għadd mhux żgħir ta' tfal li kienu ċertifikati li jinħtieġu din l-għajnuna.

B'riżultat ta' dan, it-tfal kollha li qagħdu għal dan l-eżami tellgħu marki biżżejjed li juru x'jafu u b'hekk qed ikunu nkuraġġiti jkomplu jitgħallmu u jistudjaw.

L-għalliema u l-ġenituri li jaqraw sew dan ir-rapport għandhom jieħdu nota ta' żbalji komuni biex dawn jiġu evitati f'kull ċirkustanza.

## LIVELLI TA' TAGĦLIM

Huwa maħsub li tul it-tagħlim fis-snin ta' l-iskola primarja, il-maġġoranza tat-tfal jilħqu r-raba' livell fuq skala ta' tmienja. Fil-każ ta' l-ambjent storiku, il-maġġoranza mistennija tkun fuq skala tlieta. Dan l-eżami kien imfassal biex mhux biss ikun ġust ma' min studja ħafna imma wkoll ma' min hu xi ftit batut. Dan kollu mingħajr ma l-karta tkun ħafifa jew tqila żżejjed. Għalhekk il-livell tal-mistoqsijiet kien imqassam fuq żewġ livelli: it-tielet livell u r-raba' livell.

Il-livelli huma deskritti hekk:

**MIRI TA' TAGĦLIM FL-AMBJENT ĠEOGRAFIKU**

**It-Tielet Livell**
Permezz ta' kitba, espressjoni orali u artistika, l-istudenti jafu jagħtu tifsira għal firxa ta' elementi fiżiċi u umani li jinsabu fil-Gżejjer Maltin. Huma wkoll juru li jafu fejn jinsabu l-kontinenti fid-dinja, il-pajjiżi ta' madwar il-Mediterran, il-portijiet ewlenin u l-gżejjer ewlenin f'dan il-baħar. L-istudenti jibdew joffru raġunijiet għall-karattru distintiv ta' postijiet u nħawi fil-Gżejjer Maltin. Huma wkoll jifhmu l-linji ġenerali li fuqhom jaħdmu ċ-ċikli naturali tal-ħajja ta' kuljum u t-tibdil interattiv li jseħħ waqt il-proċess ta' xi wħud miċ-ċikli naturali. L-istudenti jindikaw xi xorta ta' studju ambjentali u juru li jifhmu u jafu jużaw xi riżorsi meħtieġa biex jitwettaq tiftix ġeografiku.

**Ir-Raba' Livell**
Permezz ta' kitba, espressjoni orali, stampi u mapep, l-istudenti kapaċi jagħtu tifsira għal firxa ta' bosta elementi fiżiċi u umani li jinsabu fil-Gżejjer Maltin. Huma juru wkoll li jafu jispjegaw xi kuntrasti f'xi oqsma speċifiċi ta' l-ambjent Malti. Juru wkoll li jifhmu xi punti speċifiċi li fuqhom jaħdmu xi sistemi jew ċikli naturali tal-ħajja ta' kuljum u t-tibdil interattiv li jseħħ waqt il-proċess ta' xi wħud minn dawn `iċ-ċikli. L-istudenti jagħrfu l-kuntrasti bejn il-forom ġeografiċi fl-ambjent Malti u xi wħud fir-reġjun tal-Mediterran u jkunu jafu jagħtu xi raġunijiet għal dawn il-kuntrasti. L-istudenti jafu wkoll jiġbru u jippreżentaw tagħrif ta' studju ġeografiku ħafif maħdum fl-istrutturi ta' l-iskola stess. L-istudenti jkunu kapaċi jinterpretaw mapep sempliċi u ritratti meħtieġa ghal studju ġeografiku u marbut ma' dan, l-użu bażiku tat-teknoloġija ta' l-informatika.

**MIRI TA' TAGĦLIM FL-AMBJENT STORIKU**

It-tagħlim ta' l-istorja hu mfassal fuq proċess li hu bbażat fuq tmien livelli. Hu mistenni li l-maġġoranza tat-tfal jilħqu it-tielet livell sakemm itemmu l-kors tal-Primarja.

**It-Tielet Livell**
L-istudenti għandhom jifhmu li ħajjithom hija differenti minn kif kienet dik tan-nies tal-passat. Huma juru li għandhom tagħrif biżżejjed biex jifhmu l-ġrajjiet ewlenin u l-personaġġi li studjaw fuqhom. Huma jkunu kapaċi jagħmlu osservazzjonijiet sempliċi fuq in-nies li studjaw dwarhom u jistaqsu mistoqsijiet minn diversi sorsi ta' evidenza. Huma jibdew jipproduċu xi forma sempliċi ta' kitba strutturata.

**Ir-Raba' Livell**
L-istudenti jibdew jassoċċjaw xi ismijiet storiċi ma' perjodi speċifiċi ta' żmien, jirrifflettu fuq il-karatteristiċi ta' dawn il-perjodi differenti ta' żmien u jaslu għal xi konklużjonijiet personali. Huma jkunu kapaċi jħaddmu t-tagħrif akkwistat biex jifhmu perjodi differenti ta' l-istorja bl-użu ta' sorsi. Huma jibdew jużaw xi sorsi biex jifhmu aħjar in-nies u l-ġrajjiet. Huma jkunu kapaċi jaslu għal elementi sempliċi ta' empatija u jibdew jimmaġinaw x'kienu xi wħud mir-reazzjonijiet differenti tan-nies fil-passat. Huma jkunu kapaċi jirraġunaw u jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom mill-informazzjoni li jkunu ħadu.

**MIRI TA' TAGĦLIM FL-AMBJENT SOĊJALI**

Ix-xogħol fil-parti ta' l-Ambjent Soċjali hu mfassal fuq proċess ta' tagħlim li matulu t-tfal jilħqu gradatament erba' livelli ta' tagħlim fuq skala sħiħa ta' tmien livelli. Hu mistenni li l-maġġoranza tat-tfal ikunu laħqu r-raba' livell sakemm itemmu l-kors tal-Primarja. Il-livelli ta' tagħlim huma hekk:

**It-Tielet Livell**

Dawk li qegħdin jitgħallmu jagħrfu r-rwoli differenti li jsawru l-ambjent soċjali. Huma juru għarfien bażiku ta' l-imġiba u r-relazzjonijiet soċjali fil-grupp. Il-mod kif jesprimu ruħhom verbalment u bil-kitba ta' sentenzi ħfief, juri li huma qegħdin jifhmu l-ideat ta' nies oħra. Il-karatteristiċi ewlenin ta' l-identita` nazzjonali, bħalma huma l-Lingwa u t-Tradizzjonijiet, jibdew jiġu magħrufa. Xi arranġamenti soċjali fis-soċjeta`, bħall-Familja u l-Edukazzjoni, jibdew jiġu identifikati. Il-proċess ta' soċjalizzazzjoni jibda jinħass aktar hekk kif dawk li jkunu qegħdin jitgħallmu jorbtu l-esperjenzi tagħhom ma' dawk ta' nies oħra fis-soċjeta`.

**Ir-Raba' Livell**

Dawk li qegħdin jitgħallmu jiddeskrivu r-rwoli differenti fil-grupp. Huma jiddeskrivu u jqabblu l-modi ta' interazzjoni f'ambjenti soċjali differenti. Jgħidu kif jaħsbuha fuq l-ideat, ir-rwoli u l-imġiba ta' l-oħrajn, u jippreżentaw il-ħsieb tagħhom bil-kitba. Jibdew isemmu drittijiet u dmirijiet bażiċi fil-ħajja tal-grupp. Dawk li jitgħallmu jagħrfu x'inhu r-rwol ta' l-istituzzjonijiet soċjali fil-ħajja ta' nazzjon, u jiddeskrivu dan ir-rwol b'mod orali u bil-kitba. Huma jibdew jadottaw metodi elementari ta' riċerka, bħalma hu l-ġbir ta' informazzjoni, biex jagħmlu studji deskrittivi ta' l-ambjent soċjali.

**Mistoqsija A Temi varji: Valuri, Storja, Servizzi u Demokrazija**

## Tip Sing taħt it-tweġiba t-tajba

Eżerċizzju bi ħsieb li jgħin lit-tfal inaqqsu t-tensjoni u l-biża' ta' l-eżami . Fil-fatt ħafna studenti ħadu l-marki kollha. Xi ftit żbaljaw f'mistoqsija 8, fejn tfixklu bejn 'kabinett' u 'parlament'. Kien hemm xi wħud li ma kinux jafu jiddistingwu bejn 'drittijiet' u 'dmirijiet'

## Livelli ta' Tagħlim

Mistoqsija maħsuba fuq diversi livelli iżda l-aktar fuq livell 3.
It-tagħrif ingħata mill-eżaminaturi u l-istudent ried jaqra, jifhem u jagħżel il-kelma t-tajba.
Eżerċizzju li mhux ibbażat fuq memorja biss iżda fehem diffiċli mhux ħażin bejn ċerta tifsiriet, ngħidu aħna, drittijiet u dmirijiet, pubbliċi u nazzjonali, kabinett u parlament.

**Mistoqsija B Dwar iż-Żmien Pre-Istoriku f'Malta**

## Tip Imla l-vojt bil-kliem jew frażijiet mogħtija

Kienu ftit biss li batew biex ġabu kollox tajjeb u dawn tfixklu fi kliem u frażijiet li jistgħu jixxiebħu, ngħidu aħna, Żmien il-Ħaġar u Żmien il-Pre-Istorja. Tajjeb ħafna li t-tfal jitgħallmu t-tifsira ta' ċerti termini marbuta f'dan il-każ mal-pre-istorja.

## Livelli ta' Tagħlim

Mistoqsija maħsuba fuq livelli 3 u 4 iżda l-aktar fuq livell 3
It-tagħrif ingħata mill-eżaminaturi, u l-istudent ried jaqra, jifhem u jagħżel il-kelma t-tajba. Ħafna mis-sentenzi kienu definizzjonijiet ta' termini pre-istoriċi, ngħidu aħna, 'arkeoloġija' jew 'menħir'. Dan ix-xogħol jitlob mhux biss għerf imma wkoll fehem.

**Mistoqsija Ċ  Dwar bliet u portijiet Maltin u Għawdxin fuq il-mappa**

## Tip  Sibhom u agħraf fejn huma fuq il-mappa tal-Gżejjer Maltin

Kienu l-maġġoranza li għarfu u semmew il-postijiet iżda kien hemm għadd ġmielu li ma kinux jafu fejn suppost huma fuq il-mappa tal-Gżejjer Maltin, l-aktar fejn jidħlu postijiet fuq il-gżira t'Għawdex. L-aktar li żbaljaw kien dwar iċ-Cirkewwa (bosta kitbu 'Marfa'), dwar L-Imġarr (Għawdex) u flok Rabat jew Victoria kien hemm min kiteb Cittadella.

## Livelli ta' Tagħlim

Mistoqsija maħsuba l-aktar fuq livell 4 iżda ċertu tagħrif mitlub kien eħfef, ngħidu aħna, li fuq il-mappa tagħraf fejn hi l-Belt Valletta.

**Mistoqsija D  Dwar l-importanza ta' l-Isports fl-edukazzjoni tat-tfal**

## Tip  Aqra l-istorja u wieġeb il-mistoqsijiet

Eżerċizzju ta' taħriġ il-fehem (komprensjoni)
Xi mistoqsijiet (1 u 2) setgħu kienu mwieġba billi jinġabar tagħrif dirett mit-test mogħti. Minkejja dan, xi ftit wieġbu b'nofs sentenza u bis-sens mhux sħiħ; oħrajn taw raġuni waħda flok tnejn, kif mitluba.  Kienu wkoll bosta li ma fehmux id-differenza bejn mistoqsija 3 u 5 u kitbu l-istess tweġiba għat-tnejn.  Għall-mistoqsija, bosta studenti wieġbu b'mod li kważi rrepetew il-mistoqsija, ngħidu aħna kitbu  "għax l-isports itina s-saħħa".  Din il-ħaġa qed tidher spiss f'diversi partijiet tal-karta ta' l-eżami.

## Livelli ta' tagħlim

Eżerċizzju maħsub fuq livell 3 iżda l-aħħar mistoqsija (numru 5) tidħol ma' livell 4. Din kellha żewġ marki li biex jinkisbu l-istudent ried juri biċ-ċar li fehem xi tfisser 'sens ta' ftehim u koperazzjoni' fl-isports.

**Mistoqsija E** **Dwar ġrajjiet u punti ewlenin fl-Istorja ta' Malta**

## Tip Wieġeb il-mistoqsijiet

Kienu bosta l-istudenti li ħawdu tweġiba ma' oħra jew perjodu storiku ma' ieħor jew anki l-kawża ma' l-effett. Ngħidu aħna, għadd ta' studenti għall-mistoqsija 2 dwar l-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919 kitbu li l-Maltin irvellaw għax is-suldati Ingliżi qatlu erba' Maltin. Kien hemm studenti li fixklu t-8 ta' Settembru ma' l-Indipendenza kif ukoll mal-konvoj ta' Santa Marija. Iżda l-akbar diffikulta` l-istudenti sabuha fejn kellhom ifissru: Xi jfissru "Indipendenza", "Jum ir-Repubblika" u l-aktar waħda: "Ekonomija ta' Fortizza" (minkejja li tinsab imfissra fil-'workbook' dwar l-ambjent storiku li jużaw fl-iskejjel). Jidher li bosta studenti jafu ħafna dati bl-amment ta' ġrajjiet storiċi u x'aktarx jafu wkoll x'kienet il-ġrajja, iżda ftit jidher li qed jifhmu, ta' l-anqas bażikament, dik il-ġrajja partikulari għaliex seħħet jew xi tfisser għal Malta.

## Livelli ta' tagħlim

Livelli varji li jmorru minn tlieta sa erbgħa: mistoqsijiet 2, 3, 4, 5 u 6 huma ċertament ta' bejn livell 3 u livell 4 . Is-7 mistoqsija (Malta kellha ekonomija ta' fortizza), għalkemm tinsab spjegata fil-'workbook', żgur hija ta' livell 4. Imbagħad, mistoqsijiet 1 u 8 huma meqjusin ta' livell 3, billi d-dati huma mogħtija u l-istudenti huma mistennija biss jiftakru ma' liema ġrajjiet jintrabtu, f'dan il-każ, l-Assedju l-Kbir u Jum il-Ħelsien.

**Mistoqsija F** **Dwar diffikultajiet li kull ħaddiem għandu fuq ix-xogħol**

## Tip Ikteb dwar diffikulta` waħda għal kull tip ta' ħaddiem imsemmi

Bosta studenti wrew li ma fehmux li kellhom isemmu diffikultajiet li jiltaqa' magħhom il-ħaddiem imsemmi. Ħafna kitbu dwar x'kien xogħolhom. Oħrajn kitbu kelma waħda bħala tweġiba u għaldaqstant din tkun kienet vaga wisq, p.e. bidwi …ilma. Barra dan, kien hemm għadd ta' studenti li ma kinux jafu xi tfisser raħħal u sibna li bosta minn dawn rabtu l-kelma 'raħħal' mal-festa tar-raħal. Kien hemm ukoll każi ta' bosta ripetizzjonijiet p.e. jaħdem fix-xemx. Tajjeb li jingħad li ħafna studenti ma jiħdux xi marki minħabba li ma jispjegawx sewwa x'għandhom f'moħħhom.

## Livelli ta' tagħlim

Minkejja li dan l-eżerċizzju kien fuq livell 3, ħafna studenti dehru li tfixklu. Flok semmew diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-ħaddiema, bosta kitbu dwar ix-xogħol li dawn soltu jwettqu.

**Mistoqsija Ġ: Dwar istituzzjonijiet importanti u l-użu tagħhom**

## Tip Semmi l-istituzzjoni u ikteb sentenza dwarha

Għalkemm il-mistoqsija kienet ċara, jiġifieri li kellhom jiktbu sentenza **OĦRA** minbarra dik mogħtija, ħafna kienu dawk li rrepetew is-sentenzi li ġew mogħtija mill-eżaminaturi. Għal numru 3, bosta wieġbu 'sptar' flok 'dar ta' l-anzjani' (jew, kif kitbu bosta, '*home*'). Għan-numru 5 ħafna tifxklu wkoll billi kitbu 'pulizija' flok 'qorti'. F'dan l-eżerċizzju, l-eżaminaturi ħadu konsiderazzjoni fejn l-istudenti kitbu l-post tajjeb u żbaljaw is-sentenza jew viċi-versa.

## Livelli ta' tagħlim

Din il-mistoqsija kienet ta' livell 4: dan billi l-istudenti kellhom ħafna ħsieb u xogħol x'jagħmlu, ngħidu aħna, kellhom jaqraw u jifhmu tajjeb is-sentenza, wara jiktbu l-post u fl-aħħar jiktbu sentenza OĦRA dwar dan il-post. Dan ifisser li l-istudenti kellhom isibu l-kelma jew il-kliem marbuta mad-definizzjoni u anki jestendu l-istess definizzjoni, billi jagħtu aktar tagħrif dwarha.

**Mistoqsija G Dwar l-Assedju l-Kbir u t-Tieni Gwerra Dinjija f'Malta**

## Tip Ara l-istampi u imla l-vojt skond it-tagħrif mitlub

Ġeneralment l-istudenti marru tajjeb ħafna, iżda xorta waħda kien hemm tfal li, jew ma kitbu xejn, jew saħansitra ħawdu perjodu ma' ieħor. Dan x'aktarx seħħ għax dawn ma qrawx tajjeb l-istruzzjonijiet li ngħataw fuq nett. Jidher li d-data tal-bidu tal-gwerra f'Malta (1940) kienet l-aktar data li t-tfal ma ftakrux. Min-naħa l-oħra, l-istampi kienu ċari u jagħtu ħjiel biżżejjed: għaldaqstant, bi ftit aktar attenzjoni, għadd ta' studenti setgħu kisbu aktar marki.

## Livelli ta' tagħlim

It-tagħrif mitlub kien ivarja minn livell 3 sa livell 4 Fil-fatt l-istampi huma ta' żewġ livelli: waħda kopja ta' mappa antika imma illustrata (livell 4), filwaqt li l-oħra kienet stampa meħuda direttament mit-test tal-Malti fl-iskejjel (livell 3).

**Mistoqsija GĦ  Dwar pajjiżi tal-Mediterran u l-bliet kapitali tagħhom**

## Tip a) Wieġeb il-mistoqsijiet b) Immarka l-bliet kapitali fuq il-mappa

Eżeċizzju maqsum f'żewġ partijiet – L-ewwel parti kienet itqal mit-tieni għax mibnija fuq definizzjoniet u l-istudent ried jikteb l-isem tal-pajjiż li għalih qed tirreferi. Xi ftit bidlu l-Portugall ma' Spanja, oħrajn it-Tuneżija mal-Libja u kien hemm ukoll min kiteb Gżejjer Baleariċi flok Greċja.

Min-naħa l-oħra, fit-tieni parti, fejn kellhom isemmu l-bliet kapitali mmarkati, l-istudenti marru aħjar. Xi ftit ħallew barra din il-mistoqsija u dan x'aktarx għax ma ntebħux biha. Jekk kien hekk, dan juri nuqqas ta' attenzjoni min-naħa ta' l-istudenti u dan mhux xi każ iżolat għal dan l-eżerċizzju biss. Xi ftit oħrajn, fuq il-mappa, niżżlu l-ismijiet tal-pajjiżi flok tal-bliet kapitali

## Livelli ta' tagħlim:

Ċertament l-ewwel parti tal-mistoqsija, fejn l-istudenti kellhom jiktbu l-isem tal-pajjiż skond il-ħjiel mogħti, kienet fuq livell 4. Mingħajr il-mappa, din il-parti kienet tilħaq livell 5. Imbagħad, it-tieni parti kienet ftit eħfef, fuq livell 3. Hawn ma kinitx tidħol biss il-memorja iżda wkoll ħila li l-studenti jsibu l-belt kapitali fuq il-mappa (lokazzjoni).

**Mistoqsija H  Dwar sitwazzjonijiet diversi tal-ħajja soċjali**

## Tip  Aqra dwar is-sitwazzjoni u wieġeb il-mistoqsijiet

Mistoqsija kumplessa fejn it-tfal kellhom japplikaw dak li qraw dwaru u fl-istess ħin jesprimu ruħhom dwar il-valuri. Il-mistoqsija ressqet ħames sitwazzjonijiet, kollha ta' natura soċjali jew ambjentali. L-aktar li sabu diffiċli l-istudenti kienet it-tieni waħda, fejn l-għalliema kellha quddiemha klassi ta' tfal minn reliġjonijiet differenti. " Kif kellha tgħallem, l-għalliema?" Fit-tweġibiet tagħhom, l-istudenti ħarġu b'kull xorta ta' tweġiba: kull tweġiba li kienet loġika ngħatat il-marki mistħoqqa. Biss jidher li ftit huma l-istudenti li s'issa għaddew minn din l-esperjenza jew iddiskutew dwarha. Li hu żgur hu li dawn it-tip ta' mistoqsijiet, ftit jew wisq soġġettivi, jagħtu ċ-ċans lill-istudenti li jiktbu fuq dak li jaħsbu u mhux fuq dak li forsi jkunu tgħallmu bl-amment.

## Livelli ta' tagħlim

B'mod ġenerali, dan kien eżerċizzju fuq livell 4. Biss kien hemm il-ħames sitwazzjoni (dwar kif it-tfal għandhom iħarsu xi ambjent partikulari) li kienet qrib livell 3 u għalhekk din kienet l-eħfef . Kif semmejna fuq, l-itqal waħda kienet it-tieni sitwazzjoni u din għalhekk, bla dubju, kienet fuq livell 4.

**Mistoqsija Ħ Dwar il-Portijiet f'Malta u l-bini ta' madwarhom fl-1565**

## Tip Wieġeb jew semmi tagħrif storiku mitlub f'parti a), b) jew ċ).

Minkejja li soltu l-aħħar mistoqsija f'eżami, tradizzjonalment tkun l-itqal, din il-mistoqsija kienet ta' toqol varju. Il-maġġoranza marru tajjeb ħafna iżda ftit kienu li wieġbu t-tielet parti tajjeb (żvantaġġ li kellha l-Belt Valletta) jiġifieri, minħabba n-nuqqas ta' ilma. Għall-ħames parti (għaliex Laparelli ppjana toroq dritti fil-Belt) l-istudenti taw għexieren ta' interpretazzjonijiet. Dwar din, ħafna urew li kellhom ħjiel u kitbu 'gradilja' imma fil-verita` ma kinux jafu għaliex (jiġifieri, biex jagħtu sens ta' ordni u direzzjoni jew biex jidhru isbaħ). Għal numru 7 (għaliex l-aktar swar b'saħħithom inbnew f'dik in-naħa tal-Belt) bosta ma kinux jafu għaliex (għax l-unika parti li tħares lejn l-art u għalhekk l-eħfef biex l-għadu jattakka minn hemm). Tajjeb li l-istudenti, fil-klassi jew fid-dar, jingħataw aktar ċans li jiddiskutu u jaraw għaliex u kif isiru ċerti strutturi.

## Livelli ta' tagħlim

Mistoqsijiet f'disa' partijiet ta' livelli diversi: il-partijiet 1, 3, 4, 6 u 8 kienu fuq livell 3 u l-bqija fuq livell 4. Jidher li għadd ta' studenti jiżbaljaw spiss anki f'livell 3 mhux għax ma jkunux laħqu dak il-livell imma għax ma jaqrawx bil-galbu: ngħidu aħna, fl-ewwel parti, l-istudenti kellhom jagħtu tliet raġunijiet (għax il-Kavallieri għażlu l-Għolja Xiberras biex fuqha jibnu l-Belt il-Ġdida) imma taw biss raġuni waħda; hekk ukoll f'numru 4 (forti ewlenija biex tħares 'il-Birgu MILL-QRIB ĦAFNA). Ħafna kienu dawk li njoraw il-frażi kruċjali ('*mill-qrib ħafna'*) u kitbu Sant Iermu jew San Mikiel.

## Kummenti dwar studju u tagħlim

- Fit-taħriġ li jagħmlu, l-istudenti m'għandhomx jibbażaw wisq fuq it-taghlim bl-amment imma aktar fuq kif wieħed jaħseb. Mod wieħed kif dan jista' jsir hu billi l-għalliem, flimkien ma' l-istudenti, jiddiskutu spiss il-mistoqsija "Għaliex?" madwar diversi temi tas-sillabu, ngħidu aħna, "Għaliex issir it-tisqija ta' ħafna għelieqi f'Malta?".
- Tajjeb li t-tagħlim jitferrex fuq it-tliet dimensjonijiet ta' l-iżvilupp edukattiv, jiġifieri dik konkreta, dik artistika u l-oħra simbolika.

  Eżempji:

  **Konkreta**: żjarat u ħarġiet marbutin ma' temi storiċi, soċjali u ġeografiċi li jidhru fis-sillabu.

  **Artistika**: diskussjonijiet u xogħlijiet marbutin ma' stampi, ritratti, videjos, programmi televiżivi, drama, tpinġija u mużika.

  **Simbolika**: taħriġ f'kitba, ngħidu aħna, kif twieġeb mistoqsija, kemm tikteb tul, kif student iwassal ċar bil-kitba eżatt dak li jrid jgħid.
- Waqt test jew eżami bil-kitba, l-istudenti għandhom iħallu ftit ħin biex fl-aħħar jirrevedu dak kollu li jkunu kitbu: u jaraw jekk hux miktub ċar, jekk weġbux kull punt mitlub mill-eżaminaturi u jekk inħadmux il-mistoqsijiet kollha.